**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD,3.7.11: L-ERBATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Billi llum **fit-8.30a.m.** se jkun hawn quddiesa li se tkun imxandra fuq Radju R.T.K. mill-parroċċa tagħna, il-ħin tal-quddies se jkun hekk: 5.30, 6.30; 7.30; 8.30; 9.30; 10.30a.m. u fil-4.00p.m
**IT-TNEJN, 4.7.11:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar.
Fis-**6.00p.m**. ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**IL-ĦADD, 10.7.11: IL-ĦMISTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawri.

## ĦINIJIET ĠODDA TAL-QUDDIES GĦAL MATUL IX-XHUR TAS-SAJF.

Minn Nhar it-**Tnejn, 11 ta' Lulju** se jibda Ħin ġdid tal-quddiesa ta' matul il-ġimgħa għax-xhur tas-sajf. Dan se jkun hekk:
**5.30; 6.30; 7.30 u 9.30 fil-għodu, u fis-7.00** filgħaxija.
**Nota:** Dan se jsir biex nagħtu l-opportunita' lit-tfal u lill-istudenti ħalli jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-quddiesa, matul il-ġranet tal-vaganzi. Għalhekk, nagħmel appell lit-tfal kollha biex jattendu.

## XANDIR BIR-RADJU TAL-KOMUNITA'

Bdejna inxandru bir-Radju tal-Parroċċa tagħna, Radju Margerita, fuq il-Frekwenza ta' 96.1 FM.
Nistieden lil kulħadd isegwi l-programmi mħejjija.

# GABRA GĦALL-FESTA

Nhar il-**Ħamis , 7 t a' Lulju, mill-4.00p.m.** 'l quddiem se nagħmlu Ġabra oħra għall-festa ta' Santa Margerita.
Kulħadd jaf li l-festa tiddependi għal kollox mill-offerti tagħkom. Il-Festa hija tagħna lkoll u nagħmluha aħna lkoll flimkien. Dan ifisser li qisha l-festa tal-familja li l-membri tagħha jridu jippreparaw għaliha, jorganizzaw kollox, jgħinu fix-xogħol li titlob; jerfgħu l-piż tal-ispejjes konnessi magħha, u s'intendi jieħdu sehem fil-funzjonijiet kollha li jsiru f'din l-okkażjoni.
Għalhekk bħalma l-festa tkun sabieħa meta jkun hemm is-sehem ta' kulħadd, hekk ukoll l-festa tibda tonqos meta jonqos is-sehem ta' uħud mill-komunita tal-parroċċa. Kull ftit tgħin biex il-festa tisbieħ u kull ftit wkoll tkun qed titfa' l-festa lura.
Kif diġa ġara f'diversi parroċċi oħra f'Għawdex li kellhom inaqqsu s-servizzi tal-baned u xi servizzi oħra, anke l-parroċċa tagħna diġa kellna nnaqqqsu servizz ta' banda biex l-festa ma tispiċċax bid-dejn.
Hemm ħafna diffikultajiet konnessi mal-organizzazzjoni tal-festa minħabba li rridu nkunu konformi mal-liġijiet l-ġodda. Dawn jolqtu lis-sezzjoni tan-nar; lix-xandir bir-radju tal-parroċċa; l-ikla tradizzjonali, barra affarijiet oħra.
Filwaqt li aħna qed nagħmlu minn kollox biex inżommu kemm jista jkun possibbli s-servizzi ecc li soltu jkollna fil-festa, nitolbu l-għajnuna tagħkom ħalli ma jkollniex għalfejn innaqqsu servizzi oħra..
Nirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożita' tagħkom.

**Ix-XAHAR TA' LULJU** beda l-mixja tiegħu. Int qed timxi lejn il-festa tal-Patruna fi spirtu ta' rabta iktar sħiħa ma' Kristu, bħalma għamlet Santa Margerita? Titlifx it-triq...